# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Magistrat
## Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)

## Seduta mizmuma llum, 10 ta' Jannar 2018

## Rikors Numru: 190/2011 CSH

## Jacksons Company Limited C8057

## vs

## Albert Critein

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' attrici nhar it-13 ta' Gunju 2011 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' hamest elef, erba' mija disa' u ghoxrin euro u sittin centezmu (€5,429.60) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal servizzi u fornitura ta' materja prima lilu offruti u mibjugha u esegwiti fuq inkarigu tieghu, skond ma jirrizulta mill-kont esebit u mmarkat bhala Dok A.

Bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru 2009 u cioe' meta gie effetwat l-ahhar pagament akkont u bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Mejju 2011 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut kif prezentata nhar is-6 ta' Lulju 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici b'din il-kawza mhuwiex dovut billi:-*
    a. *Is-socjeta' attrici naqset li tezegwixxi x-xoghlijiet skond kif miftiehem.*
    b. *Ix-xoghlijiet ezegwiti ma sarux skond is-sengha u l-arti u skond ir-regolamenti applikabbli.*

*2 In oltre, is-socjeta' attrici kkagunat lill-esponent danni u telf, fosthom minhabba dewmien ecccessiv u ingustifikat fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilha, kif jinsab spjegat aktar 'l isfel fil-kontro-talba tal-esponent.*

*3. Illi f'kull kaz it-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.*

*Illi l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza, in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talba u ghalhekk jippremetti:*

1. *Illi l-esponenti inkariga lis-socjeta' attrici sabiex fost ohrajn tforni materjali u tezegwixxi xoghlijiet ta' moghdija tas-servizzi fi block ta' garaxxijiet, appartamenti u penthouse fi Triq il-Konversjoni, Naxxar.*
2. *Illi fil-kors tax-xoghlijiet l-esponenti hallas lis-socjeta' attrici diversi pagamenti akkont tal-ispiza finali.*
3. *Illi is-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi x-xoghlijiet in kwistjoni kif miftiehem, u skond is-sengha u l-arti, u fl-ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilha naqset ukoll li tosserva r-regolamenti applikabbli.*
4. *Illi in oltre, is-socjeta' attrici kienet responsabbli ghal dewmien ezagerat fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet.*
5. *Illi b'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet tas-socjeta' attrici, l-esponent kellu jidhol fi spejjez zejda, u sofra telf u danni, kif ser jigi pruvat fil-kors ta' din il-kawza.*

6. *Illi ghal dawn l-ispejjez telf u danni ghandha taghmel tajjeb wahedha s-socjeta' attrici.*

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li ser jirrizultaw fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, previa kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrzulta mehtiega, l-esponent talab bir-rispett lil din il-Qorti.

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' attrici naqset li tezegwixxi l-inkarigu moghti lilha kif miftiehem skond is-sengha u l-arti u b'osservanza tal-ligijiet u r-regolamenti applikabbli.*
2. *Tiddikjara u tiddeciedi li b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet taghha, is-socejta' attrici kkagunat danni lill-esponenti.*
3. *Tillikwida d-danni kollha hekk sofferti mill-esponenti bi htija tas-socjeta' attrici.*
4. *Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-esponent is-somma hekk likwidata u dovuta.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' attrici li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' Jacksons ghall-kontro-talba tal-konvenutipprezentata fl-20 ta' Lulju 2011 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet tal-konvenut kif kontenuti fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*
2. *Illi s-socjeta' attrici qdiet l-inkarigu taghha skond ma' titlob is-sengha u l-arti u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kwindi it-tlett talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez billi huma bla ebda fundament fattwali u guridiku. Is-socjeta' esponenti dejjem talbet id-direzzjoni tal-konvenut u mxiet mal-istess instruzzjonijiet tal-appalt lilha moghti.*

3. *Illi l-konvenut allega li 'l-esponenti inkariga lis-socjeta' attrici sabiex fost ohrajn tforni materjal u tezegwixxi xoghlijiet ta' moghdija tas-servizzi fi block garaxxijiet appartamenti u penthouse..' Illi s-socjeta' esponenti gja thalset mill-konvenut ghax-xoghlijiet kollha li sar u fornitura ta' materjal in konnessjoni ma' l-istess penthouse u xejn izjed, kif sejjer jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.*
4. *Illi huwa minnu illi fil-kors tal-esekuzzjoni tax-xoghol l-konvenut hallas pagamenti akkont u ghalhekk dak li qed jintalab huwa bilanc minn somma akbar – dejjem in konnessjoni max-xoghol tal-penthouse.*
5. *Salv eccezzjonijiet ohra."*

Illi nhar il-5 ta' Ottubru 2011 xehed **Jack Scerri**, Direttur tas-socjeta' attrici u spjega illi l-konvenut Abert Critien ilu klijent taghhom ghal dawn l-ahhar seba' snin. Huwa jghid li kienu qed jibnulu *block flats* u dan l-ahhar kienu waslu biex jibnu l-*penthouse*. Huwa stqarr li kemm kien ilhom jahdmulu qatt ma kellhom inkwiet mieghu. Pero' meta spiccaw jibnu l-*penthouse* u kienu talbuh il-hlas, kien jghidilhom li kien ser ihallashom pero' imbaghad beda igibilhom l-iskuzi, darba ghaliex it-tifel tieghu kien gej minn barra, darba ohra ghax ma kienx jiflah u hass li kien qed javvanzalu z-zmien sabiex il-pretenzjoni tieghu tiskadi u beda jissikah biex ihallsu. Izda meta beda jissikkah ghall-flus beda jgiblu certu skuzi bhal per ezempju d-*dishwasher* ma dahlitx ezattament f'postha, jaf li kien hemm xi *switch* li mexxieh haddiehor u mhux huma, u beda jaqbad fuqu u dana sabiex ma jhallasx l-ammont li kien fadallu jhallas.

L-ammont pretiz minnhom illum il-gurnata huwa dak imsemmi fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef erba' mija u disgha u ghoxrin u sittin centezmu (€5,429.60). Huwa jghid li qabel ma' bdew bix-xoghol taghhom kienu tawh stima ta' dak li kellu jsir u kienu tawhielu fit-12 ta' Novembru 2008. Huwa esebixxa kopja taghha li giet markata bhala dokument Z pero' meta gew biex jibnu l-penthouse fit-12 ta' Gunju 2009 qallu li kien kuntent

li jkomplu mexjin fuq l-istess prezzijiet ta' dak in-nhar, jigifieri l-prezzijiet ta' meta kienu ghamlulu l-istima, kif indikat fuq dokument Z. Naturalment meta lestew ix-xoghol baghtlu kont u beda jigri wara flusu, pero' ghadu ma thallasx sal-lum. Esebixxa l-kont li kien baghtlu li gie mmarkat bhal dokument X. Huwa jghid li fil-kont hemm xi varjazzjoni, ghaliex kien dahal xi xoghol extra, bhal per ezempju xi *floor fitting*. Mistoqsi jekk il-penthouse in kwistjoni kienetx koperta bil-permessi tal-MEPA, jghid li sa fejn jaf hu ma kienitx, u fil-gurnata ta' qabel mar il-MEPA, u sab li l-applikazzjoni li kellu ghal penthouse kienet giet *refused*.

**Jack Scerri** xehed in kontro-ezami nhar il-5 t'April, 2017 fejn stqarr li d-diskussjonijiet ta' kuljum kienu jsiru jew mieghu jew mat-tifel tieghu, Brian. Jghid ukoll li il-ftehim fuq ix-xoghol kien isir kemm mieghu kif ukoll ma' Brian fl-ufficcju. Jghid illi d-diskussjonijiet li saru fuq in konnessjoni ma' dan ix-xoghol kienu jsiru fl-ufficcju tieghu fi Triq il-Kappillan Mifsud, Hamrun li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-post li effettivament ried jigi affettwat ix-xoghol. Jghid illi effettivament l-ufficcju kien imur Albert Critien. Dejjem wahdu kien imur anke biex ihallas. Jghid illi hafna drabi meta s-Sinjura Critien ma kienx joghgobha x-xoghol jew tkun riedet xi zidiet fix-xoghol kienet titkellem mat-tifel direttament fuq is-sit. Jghid illi effettivament is-Sinjura Critien l-ufficcju tieghu qatt ma marret u ghalhekk personalment ma tkellmitx mieghu. Pero' x-xoghol li kien jghidilhom bih is-Sur Critien ghan-nom taghha kien jigi esegwit minnhom. Huwa minnu meta huma bnew il-blokka problemi maghhom mas-Sinjuri Critien qatt ma kellhom salv sakemm waslu ghal penthouse. Il-problemi bdew meta mar biex ihallas il-kont dwar il-penthouse. Meta mar ghall-penthouse, ix-xhud jghid li kien hemm problemi. Ix-xhud jghid li jahseb li xtaqha b'xejn. Jghid illi is-Sur Critien ma qallux li riedha b'xejn pero' l-intenzjoni hu hekk fehemha. Dan ghaliex beda jivvinta l-affarijiet bhal dik tal-kcina. Effettivament sahansitra jghid li anke l-pjanti fejn bidillu hu l-pozizzjoni tal-kcina minn side ghall-iehor. Qalalu l-problema tal-iswiccijiet

ghaliex gablu l-iswitches hu meta effettivament kienu gia lesti minn kollox huma u wara meta gab lil Sergio jirranga warajhom dan qatt ma kellu jitla b'dan il-kont li effettivament kien aktar milli x-xhud hadlu bhala drittijiet fuq ix-xoghol kollu li ghamel fuq il-penthouse kollha.

Ix-xhud jghid li huwa minnu illi dwar il-kumplament tal-blokka qatt ma llatika maghhom s-Sur Critien dwar flus. Jghid illi effettivament huwa hallas lil Sergio aktar milli ix-xhud hadlu tal-penthouse kollha. Jghid illi effettivament Albert Critien beda jgorr mieghu fuq kwistjoni ta'flus meta hu ried jithallas tax-xoghol illi huwa ghamel li fil-fehma tas-Sur Critien ma kienux tajbin. Ix-xhud jghid illi huma tac-caqliq lanqas iccargjawh b'rispett tax-xoghol li kienu ghamlu tal-blokka. Jghid illi tah kont wiehed finali tax-xoghol kollu li ghamel. Tat-tibdil ix-xhud ma zammlux. Mistoqsi fejn ha jsib ir-records tat-tibdil jghid illi mkien. Il-prassi hija li qabel ma jaghmlu kwistjonijiet ta'plumbing, il-fittings jkunu gia f'idejhom minn qabel u anki fil-kwistjoni ta' elettriku. Huma filfatt ma kellhomx f'idejhom dawn il-fittings ghax hadmu skond il-leaflets li kien gabilhom hu stess. Il-leaflets gew moghtija lit-tifel tax-xhud, Brian, ghax hu kien l-iktar li kien ikun hemm. Ix-xhud jghid li ma kienx mar bihom l-ufficcju. In segwitu jaf li Brian kien ha l-leaflets l-ufficcju u ta l-qisien lill-haddiema. Jghid illi l-leaflets pero' ma esebihomx fl-atti u filfatt kien tah zewg settijiet ta'leaflets differenti u dan fir-rigward tal-banju. Pero' ix-xhud jghid li sussegwentement minn banju single ghamlu corner. Jghid illi jekk ghadhom ghandhom dawn il-leaflets, id-dokumentazzjoni jipprometti li jgibhom fis-seduta li jmiss. Il-file pero'jghid li ghadu pendenti.

Ix-xhud jghid li huwa minnu li x-xoghol li ghamlu huma kien skond British standards fir-rigward ta' elettriku. Huma ma kienux jafu mill-bidu li effettivament ix-xoghol li kien ha jigi moghti lilhom kien Taljan. Jghid illi minkejja li kellhom jigu switches mill-Italja s-Sinjuri Critien ma kienux gabuhom. Huma kienu ftiehmu mas-Sur Critien li effettivament kienu ha

jahdmu fuq British Standards ghax ma setghux jieqfu mix-xoghol u imbaghad jaraw x'jigri. Jghid illi ma setghux jieqfu biex jwaqqfu l-bajjad. Kellhom jaghmlu hekk ghax is-Sur Critien ma kienx ghadu ddecieda. Jghid li kienu happy ghaliex fis-sens li kienu qeghdin ilestu x-xoghol u ma jwaqqfu lil hadd. Effettivament jghid li dam sena u nofs biex igib dawn il-fittings u ma gabhom qatt u ghalhekk iddecidew li jkomplu max-xoghol u imbaghad jaraw wara biex ma jwaqqfux il-haddiema ta'warajhom. Ix-xhud jghid li naturalment il-wiring u hekk ghandu jsir kollu minn qabel. In segwitu jaf illi s-switches ma gabhomx mill-Italja, xtrahom minn hawn Malta u xtrahom wara li kienu wehhlu l-iswitches kollha, fis-sens ta'normali li jwahhlu s-soltu. Rispettivament kienu wahhlu l-kaxxa kollox bl-iswitch.

Jghid illi fejn kien hemm switches ta' four u effettivament kellhom ikunu ta' six kellhom ikissru l-kaxxa. Is-switches li s-Sur Critien xtara minn Malta kienu ukoll Taljani fis-sens li baqghu Taljani u gabhom l-ahhar hin. Effettivament jixtieq jghid illi l-iswitches mhux kollha jaqblu ma' dawk Taljani. Hemm fejn jaqblu u hemm fejn le. Filfatt jghid li kien hemm wiehed four gang li kellhom jaqilghuh biex jaghmluh six gang fejn il-bieb. Jghid illi l-iswitches effettivament il-konvenut xtrahom fit-22 ta' Frar tas-sena 2010. Jghid illi qed jghid hekk ghax effettivament ghandu f'idejh l-kont meta dawn l-iswitches gew imhallsin. Jghid illi l-iswitches gew ghandhom dakinhar stess li huwa xtara l-iswitches ghax kien baqa'sejjer bihom, u hu kien hadlu photocopy tal-invoice li kien halla warajh. Jghid li huma kienu wahhlu dawn l-iswitches fl-1 ta'Marzu u dakinhar il-konvenut effettivament kien gia ghamel deposit fuq dan il-kont fis-sens li kien ghamel deposit meta mar jixtri dawn il-fittings.

Sa fejn jaf ix-xhud, il-manifattur tal-kcina qatt ma rah jew iltaqa' mieghu u s-soltu il-manifattur tal-kcina jiltaqa' mas-Sur Albert Critien. In segwitu, s-Sur Critien jghaddilhom il-pjanti u huma jahdmu fuqhom. Jista'jkun li tal-

kcina ltaqa'mal-haddiema li x-xhud kellu fuq il-post. Ix-xhud jghid li ma jkunx hemm il-hin kollu. Ma jistax jikkonferma li effettivament x'diskussjonijiet kien hemm bejn tal-kcina u l-haddiema tieghu ghax ma kienx hemm.

**Francois Psaila** xehed nhar il-25 ta' Jannar 2012 u kkonferma li ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar hames snin u dan fil-kapacita' tieghu ta' *electrician* u *plumber*, billi jghaddi d-dawl u l-ilma. Mistoqsi jekk kienx hadem fil-propjeta' penthouse ta' Albert Critien jghid li iva kien hadem. Jekk mhux sejjer zball jghid li x-xoghol ghamlu fis-sena 2009. Kien ghamel ic-*circuit* tal-plugs, ic-*circuit* tal-lightings kif ukoll installazzjoni tal-ilma, ghadda l-wires tal-plugs u tal-*lightings*. Qal li fil-bidu l-istruzzjonijiet hadhom minghand Albert Critien u sussugwentament dahlet il-mara tieghu. Mistoqsi jekk kellux xi pjanti f'idejh jghid li kellu, kien tahomlu lil Jack Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk kienx hemm xi varjazzjoni bejn il-pjanta li kien tah Jack Scerri u dak li effettivament ghamel fil-propjeta' ta' Critien jghid li kien hemm. L-ewwel kien jiddiskuti dawn il-kambjamenti mas-Sur Scerri u sussugwentament kien jaghmilhom skond ix-xewqa tas-Sur Critien. Il-varjazzjonijiet ghamilhom billi kien imur is-Sur Critien fuq il-post u kien jghidlu li kienet ix-xewqa tieghu li jcaqlaq certu *plugs* u *switches* u kien jilqa' t-talbiet tieghu, u dan wara li kien jiddiskuti tali kambajmenti mas-Sur Scerri. Jaf li kien hemm xi *telephone point* li ccaqlaq minn nofs fejn kien originarjament hdejn mejda tonda u ghamilha ma' hajt fil-genb. L-unika haga li jiftakar bhala varjazzjoni kien dak il-*plug* tat-telephone.

**Clayton Grogen** xehed ukoll nhar il-25 ta' Jannar 2012 u spjega illi jahdem bhala *electrician*, u dan mas-socjeta' attrici u ilu jahdem maghha ghal dawn l-ahhar sitt snin. Mistoqsi jekk kienx ghamel xi xoghol fil-penthouse ta' Albert Critien jghid li iva ghamel u dan kien f'Dicembru tas-sena 2010, pero' mid-data ezatt ezatt mhux cert. Ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti fi

twahhil ta' *light fittings, switches* u kien jahdem wara li jkun spicca mix-xoghol tieghu Francois Psaila.

Mistoqsi jekk qattx kellem lil Albert Critien jghid li mhux wisq, aktar kien jitkellem mas-sinjura tieghu. Kienu jitkellmu fuq affarijiet in konnesjoni mas-sistema tal-elettriku, fis-sens fejn kellu jwahhal is-*switches* in kwistjoni. Mistoqsi jekk kienx jaf x'kellu jaghmel, jghid li kien jaf ghax kellu l-pjanta li kienet giet moghtija lilu mis-Sur Scerri ghan-nom tas-socjeta' Jackson. Spjega li x-xoghol li sar ghamlu skond il-pjanti li kien gie moghti u jghid li kien biss fl-ahhar li bdew jinbidlu xi affarijiet. Ix-xoghol kien diga' lest, u kien hemm certu ghamara li ccaqalqet per ezempju xi fridge u ghalhekk kellhom ibiddlu il-*point.* Jaf li kien hemm xi *switches* li kellhom igibu xi tnejn minn barra imma ma waslux u ghalhekk kellhom ibiddlu xi xoghol minhabba li kellhom jipprovdu s-*switches* huma. In fatti ftakar u qal li s-*switches* ma kienux dawk li kienu bi hsiebhom igibu minn barra, gabulhom *switches* ohrajn mill-Mosta li ma kienux jaqblu mal-kaxxa originali li kienu poggew mal-hajt u ghalhekk kellhom jaghmlu xi xoghol zejjed. Is-sur Critien ma xtaqx li huma jaghmlu xi hsara fil-hajt u ghalhekk kellhom jaggustaw il-*covers* ta' dawn il-kaxxi il-godda.

**Filippo Cristaldi** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2012 fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *plumber* u *electrician* mal-kumpanija attrici, Jacksons Company Limited. Mistoqsi jekk hadimx fil-propjeta' tal-konvenut qal illi hadem. Huwa jghid li x-xoghol ta' *plumbing* kien kollu f'idejh izda l-eletriku ma kienx f'idejh. Huwa stqarr illi huwa kien hadem skond il-pjanta li kienet giet moghtija lilu mis-socjeta' attrici. Ix-xoghol ma sarx kollu skond il-pjanta, kien hemm xi kambjamenti u dan fuq ordni ta' Albert Critien. Dawn il-modifiki saru wara li kienu diga ghaddew ix-xoghol skond il-pjanta. Per ezempju l-banju minn corner sar dritt u ghalhekk kellhom isiru xi tibdiliet necessarji. Naturalment imbaghad isiru xi tibdil fuq id-drain u fuq l-ilma. Huma kellhom iresqu wkoll id-drain tax-shower.

Ix-xhud tenna illi d-drain tal-kcina kellhom jinbidlu ghaliex huma kellhom livelli ta' madum u sussegwentament kien gie nserit il-parquet u l-livelli gew diversi. Fil-fatt huma ghamlu x-xoghol darbtejn fil-banju ghaliex meta gew biex jinstallaw il-banju kien gie difettuz mill-fabbrika u kellhom jaghmlu xogholijiet ohrajn. Il-banju t-tajjeb dam gimgha u nofs biex wasal.

Ix-xhud ikkonferma li jaf li s-socjeta' attrici ghandha kawza ma' Albert Critien pero' ma jafx il-mertu taghha. Sa fejn kien jaf ix-xhud, il-kwistjoni titratta fuq xogholijiet ta' dawl u ilma li saru fil-*penthouse* tal-konvenut. Lix-xhud kienu qalulu li kien hemm kwistjoni fuq drain u fuq ic-caqliq li sar fis-sistema tal-banju u fil-kcina. Huwa sostna li ghalih mhux xoghol meta jkun hemm tibdil wara li huwa jkun ghamel xoghol skond il-pjanta ghax ikollu xoghol doppju. Huwa stqarr illi huma qaghdu fuq l-invelli li kellhom jigu ceramika nstallata fil-kcina izda f'daqqa wahda nbidel kollox u ma gietx installata ceramika izda gie nstallat parquet mhux tas-soltu. Huwa parquet bis-serratizzi u affarijiet bhal dawn u allura gholla l-livell tad-drain u x-xoghol ta' *plumbing* gie baxx u kellhom jghollu kollox. Huwa jixtieq jghid li huma kellhom diga l-linvelli ta' kif suppost kellhom jigu l-madum u ghalhekk huwa ghamel ix-xoghol skond l-invelli li kienu tawh tal-madum, ic-ceramika.

Mistoqsi kemm wara li lestew il-*plumbing* gie nstallat il-parquet jghid li ma jiftakarx. Huwa minnu li l-*plumbing* sar qabel ma gie nstallat il-parquet. Huwa kellu jerga' jaqla' l-*plumbing* kollu rigwardanti s-sink tal-kcina. Huwa kellu jkisser il-hajt u jaghmel stallazjoni gdida u certu hsarat li setghu jevitaw. Fil-kcina kien hemm problema wara s-sink tal-kcina fejn kienet ser tigi nstallata s-serpentina fejn ikun hemm certu qisien *standards* u huma jzommu maghhom. Ix-xoghol ried isir preciz ghax inkella gol-cupboard ma jkunux jistghu jiddahlu *dustbins* jew *geasers* u affarijiet bhal dawn. Huwa kien ghamel xoghol fizikament u manwalment u mhux jidderiegi.

**Brian Scerri** xehed nhar is-7 ta' Marzu 2012 fejn iddikjara li huwa project manager u jiehu hsieb ix-xogholijiet tas-socjeta' attrici. Mistoqsi jekk ghamilx xi xoghol fil-penthouse tal-konvenut huwa jghid illi iva effettivament kien sar xi xoghol. Huwa stqarr li originarjament il-pjanta kienet giet moghtija lilhom mill-konvenut pero' din il-pjanta kienet giet mibdula maz-zmien b'mod drastiku. Dan sar ghax originarjament kien hemm hafna open plans u maz-zmien saru hafna partitions. Huwa esebixxa l-pjanta li originarjament giet moghtija lilu mill-konvenut fejn giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument CA. Fuq il-pjanta hemm xi sinjali b'italics bl-ahdar li jindikaw ic-caqliq fil-hitan li saru fuq il-pjanta. Parti minnhom huwa fejn effettivament telghu il-*partitions*. Dawn il-*partition*s u caqliq gew ordnati mill-istess konvenut.

Ix-xhud spjega li kien hemm certu sitwazzjonijiet li waqt li kienu ghaddejin bix-xoghol gie ordnat lilhom mill-konvenut xogholijiet differenti. Normalment dawn ix-xogholijiet kien ikollhom jigu affettwati u jsiru t-tibdiliet. Huwa tenna li kien hemm certu sitwazzjonijiet fejn ix-xoghol kellu jsir darbtejn u ohrajn le fejn it-tibdil wassal ghax-xoghol biex jerga' jsir mill-bidu. Mistoqsi fejn kien sar ix-xoghol darbtejn huwa wiegeb fil-kamra tal-banju, fix-*shower room* u fin-naha tal-kcina. F'partijiet ohrajn kien hemm xi caqliq pero' x-xoghol originali ma kienx lahaq sar.

Ix-xhud iddikjara li dwar il-kwistjoni tal-elettriku, ix-xogholijiet kienu saru abbazi ta' British Standard Boxes pero' sussegwentament is-Sinjura Critien gabitilhom kaxxi tal-European Standards, maghrufa bhala Diccino bl-accessorji li kienu tal-European Standards u l-*embedded boxes* li kien hemm gol-hajt kellhom jigu mibdula ghal kaxxi tad-Diccino. Pero' dan ma sarx ghaliex biex isir dan kellu jitkisser il-finishing li kien hemm tal-gypsum u talbuh jekk setax jiffitjhom xorta. Huwa kien wegibhom illi l-maggoranza taghhom setghu jigu ffitjati b'daqsxejn modifikazzjoni zghira mal-plastik taghhom ghalkemm kien hemm tliet *switches* partikolari li ma setghux jigu

modifikati facilment. Huwa qalilhom li kien hemm possibilta' li jitkisser il-hajt biex jirrangaw pero' huma ma xtaqux li huwa jkisser il-hajt u talbuh jekk kienx hemm xi mezz iehor. Huwa wegibhom li f'dak il-kaz kien ikollu jaqta' l-genb tal-kaxxa u jimmarka kemm hu kbir dak is-*switch* partikolari, jaqta' bil-mod biex ma' jiksirx il-gypsum u mbaghad iwahhal il-*plate* tas-*switch,* naha minnhom fuq il-kaxxa u naha minnhom jaqta' toqba biex iqabbad il-vit gol-hajt. Huwa spjega li jekk titnehha l-*plate* issib li naha minnhom hemm il-kaxxa u naha minnhom hemm toqba. Pero' dan kollu sar bil-kunsens tas-Sur Critien sabiex ma jaghmilx hsara fil-hajt.

Huwa sostna li dan kien kollu xoghol zejjed minn dak ordnat originali, pero' ma' kien hemm ebda *charge* fuqhom u baqghu ma' l-istima originali. Kien hemm ukoll twahhil ta' *light fittings,* xi mirja, kellhom jaghmlu wkoll xi xogholijiet billi jaqtghu per ezempju xi *side* tal-*fitting* ghal gewwa l-gypsum, kellhom iwahhlu xi *strip lights*, u kien hemm twahhil ta' banju. Meta wahlu l-banju kienu ndunaw li kellu xi difett mill-fabbrika u ghalhekk kellhom jergghu jaqalghuh u dan wara li huma kienu gibdu l-attenzjoni tal-konvenut. Fil-fatt qallu li kien ser ikellem l-agent u hekk ghamel, zarmawh u kellhom jinstallaw banju gdid.

Huwa zied li ghall-kcina wkoll kienu gew moghtija disinn izda sussegwentament iddecidew li jbiddlu l-pjanta, fis-sens li jpoggu l-*fridge* ghal naha ohra u ghalhekk il-*unit* kellu jersaq daqsxejn la genba u kien hemm il-*points* tad-*dish washer* li kienu taht il-bank u allura resqet ukoll id-*dish washer*. Fil-fatt id-*dishwasher* imxiet ftit centimetri. Ix-xhud wera' pjanta li giet immarkata bhala dokument CA1 li giet moghtija lilhom mill-konvenuti. Huwa jghid li l-*connections* mal-hajt pero' baqghu fejn kienu, nonostante li kien hemm xi caqliq zghir. Kien hemm spostament tal-*fridge* totali minn naha ghal ohra. Huwa esebixxa pjanta mmarkata bhala CA2 li qed tindika spostament tal-*fridge.* Il-*fridge* in kwistjoni mhux xi wahda

*fitted* imma hija *stand alone,* b'hekk il-kcina ma mbidlitx bic-caqliq tal-*fridge*, pero' d-dishwasher kienet fitted, fil-*unit* tal-kcina.

Huwa ra' d-dokument CA1 u qal li l-*unit* tal-kcina hawnhekk qieghed il-barra minn dik il-linja. Sa fejn kien jaf ma ltaqax ma' xi rapprezentanti tal-kcina u kellu xi visita on site. Ir-relazzjoni tieghu kienet dejjem mal-konvenut. Ma jidhirlux li huwa qatt tkellem ma' xi rapprezentant tal-kcina. Bhala *project manager,* xogholu huwa li jitkellem mal-klijent, jara x'irid, inizzel dak li jixtieq, jipjanthom fuq il-pjanti sabiex mbaghad in segwitu jigwida lill-imjpegati taghhom. Huwa jghid lill-klijent x'jahseb, pero' mbaghad fl-ahhar mill-ahhar, il-kelma tal-klijent, basta l-affarijiet ma jsirux kontra r-regolamenti.

Huwa jixtieq jghid li meta huma hargu stima, huma harguhom b'dawk l-affarijiet tal-British Standard. Izda jekk il-klient ma jkunx iridhom, imur igibhom hu, u huma jwahhluhomlu. Huwa stqarr ukoll illi meta huma ghaddewlhom l-istima huma dejjem jghidulhom biex jibqghu ghaddejjin skond l-istima, ma kien hemm l-ebda diskors fuq il-*fittings*. Qabel ma beda jippjanta, il-konvenuti ma hadulu l-ebda fittings. Mhux minnu dak li qed jigi ssugerit lilu li l-konvenut kienu qallulhom li kienu xtraw xi *fittings* qabel ma' bdew bix-xoghol. Huwa tenna li sar jaf li l-konvenut xtraw xi accessorji differenti fil-bidu tas-sena elfejn u ghaxra meta kienu gabuhom. F'Gunju tas-sena 2009 kien qallu li kien sejjer Sqallija u xtaq jixtri xi accessorji minn hemm, kien talbu lista u x-xhud effettivament kien tah.

Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx hemm xi diskors bejn Gunju 2009 u Jannar 2010 minn naha tal-konvenut in konnesjoni ma' dawn il-*fittings* jghid li le ma kienx hemm. Fl-ahhar tas-sena elfejn u disgha kienet talbitu Mrs Critien ghal xi lista ta' accessorji u qalilha li kien sa jaghtiha l-stess lista li kien ta' lill-zewgha f'Gunju. Huwa tahilha, dan nonostante is-sinjura Critien kienet gabet is-*switches* minn post il-Mosta u ghadithomlu ghall-ahhar ta' Frar

2010. Jixtieq jghid li sa dak il-hin l-accessorji kienu ghadhom ma bdewx jehlu. Mistoqsi jghid meta beda x-xoghol ta' l-elettriku jghid li x-xoghol beda fit-tnax ta' Gunju 2009, l-istess xahar meta l-konvenut qallu li kien sejjer Sqallija biex igib xi *fittings*. Pero' m'assumiex li huwa kien ser igib xi *fittings* Taljani. Huwa m'assumiex li dawn ser ikunu Taljani, ghaliex il-kwotazzjoni li ta' kienu Inglizi. Ix-xhud m'assumiex li kellu jispjegalu d-differenza tas-sistemi. Huwa jghid li kienu ser jimxu skond l-istima moghti skond il-British Standards u jekk kien hemm xi tibdil kellu jgibulu. Mrs Critien kienet qaltlu dwar dawn il-kaxxi f'Dicembru ta' 2009. Effettivament kienet taghtu sample u qalilha li parti minnhom setghu jinstallahom u ohrajn le.

Rat illi b'digriet moghti fil-verbal datat 25 ta' Novembru 2015 il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha moghtija minn Nicholas Critien inkluz kwalsiasi dokument prezentat minnu.

Rat illi fid-29 ta' Frar, 2016, il-konvenut Albert Critien permezz ta' nota ipprezenta affidavit tieghu u ta' Nicholas Critien.

Albert Critien beda billi qal illi huwa kien waqqa' d-dar tieghu li kienet iggib l-indirizz 12, Triq il-Konverzjoni, Naxxar fejn kien ilu jirrisjedi madwar tletin sena. Minflokha ried jibni blokka ta' zewg (2) maisonettes, erba' (4) appartamenti u penthouse fejn joqghod hu. Ried jaghmel ukoll tmien garaxxijiet.

Qal li kien inkariga lis-socjeta' Jacksons Co. Ltd. biex tesegwixxi x-xoghlijiet tas-servizzi tal-ilma, elettriku w drenagg fil-blokk kollu, fil-garaxxijiet, fl-appartamenti u fil-penthouse. L-iskop tieghu kien li jmur joqghod fl-istess indirizz izda fil-penthouse.

Kompla li tul ix-xoghlijiet, is-socjeta' attrici kienet titolbu hlasijiet u fil-fatt hu ghamel diversi pagamenti akkont tal-ispiza finali, izda meta kienu waslu fil-penthouse, is-socjeta' attrici ghamlet diversi zbalji fl-istallazzjoni u partikolarment fil-kcina, minkejja li Windsor Kitchen tal-Mosta kienu marru fuq il-post bil-pjanta u wrew lill-haddiema fejn kellhom jigu l-points tad-dawl u x-xoghol konness mal-kcina. Nonostante l-haddiema tas-socjeta' attrici ma zammewx mal-pjanti.

Il-konvenut zied li x-xoghlijiet esegwiti mill-istess socjeta' ma kienux skond is-sengha w l-arti, barra milli hadet zmien twil esagerat biex esegwiethom. Zied li fuq id-difetti u nuqqasijiet li bdew johorgu fl-appartamenti, kienu lahqu ftehim. Il-kwistjonijiet pendenti jirreferu ghax-xoghol fil-penthouse.

Huwa qal li kellu jidhol fi spejjez zejda minhabba li qabbad lil min jirranga dawn id-difetti, kif ukoll spejjez minhabba d-dewmien, partikolarment disa' xhur kera zejda fl-ammont ta' Lm250 fix-xahar.

Semma wkoll li kien hemm xoghol hazin fit-twahhil tal-fittings partikolarment dawk tal-kcina, fejn ibnu kellu jqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel it-tiswijiet. Problema minnhom kienet li l-hob tal-cooker ma kienx fused.

Is-Sur Critien qal li l-ilment principali tieghu jirreferi ghad-dewmien ingustifikat li dahhlu fi spejjez zejda, iz-zieda fir-rati tax-xoghol minghajr ebda ftehim u xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha. Sofra wkoll danni ohra minhabba hlas ta' kera ghal residenza alternattiva. Skond il-konvenut, bejn kera u hlasijiet lill-kuntrattur iehor, nefaq sitt elef, mitejn u erbgha w erbghin Ewro u erbghin centezmu (€6,244.40).

Rat ukoll l-affidavit ta' **Nicholas Critien** ipprezentat bil-lingwa Ingliza. Huwa ddikjara li jigi iben il-konvenut Albert Critien u li l-genituri tieghu huma s-sidien tal-blokka ta' appartamenti u penthouse sitwati f'Hillside Cottage", 12, Conversion Street, San Pawl tat-Targa, mibnija fuq is-sit fejn qabel kien hemm id-dar taghhom. Qal li l-genituri tieghu waqqghu id-dar fejn kienu ilhom jghixu ghal tletin sena, u bnew din il-blokka. Sakemm saru dawn ix-xoghlijiet, huma krew post gewwa San Pawl il-Bahar u allura kien mehtieg li x-xoghol jitlesta fiz-zmien stipulat, ghaliex kienu qed ihallsu l-kera.

Zied li una volta l-bini tlesta, missieru nkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xoghol tal-elettriku, plumbing u drenagg tal-blokk kollu. Ix-xoghol kellu jsir f'zewg fazijiet, cioe' l-ewwel kellha ssir l-istallazzjoni fl-appartamenti u f'maisonette formanti parti mill-istess blokka. Qal li dawn tlestew minghajr wisq problemi, u li l-ftit problemi li nqalghu intlahaq ftehim dwarhom. Spjega li meta kienu qed jinbieghu l-appartamenti tfaccaw xi problemi li huma kellhom isolvu a spejjez taghhom.

Qal li l-genituri kienu jaghmlu pagamenti kull meta s-socjeta' attrici kienet titlobhom. Spjega li uhud mill-problemi gibdulhom l-attenzjoni ghalihom ix-xerrejja tal-appartamenti bejn il-konvenji w il-kuntratti. Ghaldaqstant kien hemm kazijiet fejn intlahaq ftehim dwar pagamenti relatati ma' xoghol fejn irrizultaw certi problemi u s-socjeta' attrici offritilhom skont.

Pero' mbaghad inqalghu problemi waqt ix-xogholijiet fil-penthouse. Sostna li l-penthouse kellha tkun ir-residenza tal-genituri tieghu, allura x-xoghol rikjest kien ta' standards differenti. Il-genituri tieghu kienu xtraw il-fittings tal-elettriku ghall-penthouse u dawn gew konsenjati direttament lill-haddiema fuq il-post. Pero' mbaghad dawn gew stallati hazin, u sahansitra kien hemm minnhom li lanqas biss gew stallati.

Qal li minn fejn kienu ordnaw il-kcina (Windsor) kienu ltaqghu mal-haddiema tas-socjeta' attrici fuq il-post u anke tawhom il-pjanti, pero' l-istallazzjonijiet xorta wahda ma sarux skond il-pjanti. Ghaldaqstant kellhom iqabbdu lil haddiehor jirranga x-xoghol hazin li sar, u dan ovvjament bi spejjez zejda u hela ta' zmien. Semma li l-cooker ma kienx *fused* kif suppost u l-pajpijiet minn fejn kellhom jghaddu l-wires tal-internet u telephone, kellhom jergghu isiru wkoll ghax kienu mghoddijin hazin. Uhud mill-istallazzjonijiet ghad iridu jitrangaw.

Ix-xhud qal illi l-genituri tieghu kienu wkoll mwieghda gurnata meta x-xoghlijiet kienu ser ikunu lesti izda fil-fatt gara illi l-kuntrattur beda tali xoghlijiet wara l-gurnata li suppost kellhom ikunu lesti. Kompla billi qal illi kienu mweghda illi tali xoghlijiet kienu ser jitlestew malajr izda nnutaw illi fil-fatt qas kien hemm bizzejjed haddiema. Qal illi l-genituri tieghu kellhom jestendu l-kirja tal-post fejn kienu qieghdin jikru ghal disa' xhur ghaliex ma setghux jidhlu fil-penthouse minhabba d-dewmien. Qal illi kienu qieghdin jikru bir-rata ta' Lm250 fix-xahar matul dan l-istess zmien minhabba d-dewmien tal-attur.

Problema ohra skond ix-xhud huwa illi l-fittings ma kienux mahdumin sew u minhabba dan kellhom jqabbdu haddiema ohra sabiex dawn jigu trangati.

Spjega illi d-dewmien sewa lill-genituri tieghu Lm2,250 (€5,244) meta x-xoghlijiet tal-kuntrattur il-gdid sabiex jirranga l-izbalji kienu ta' Lm430 (€1,000).

Fil-punt fejn Jacksons iddikjara illi x-xoghlijiet kienu lesti, li kien fl-istess zmien meta Windsor setghu imorru sabiex jinstallaw il-kcina, huwa intervjena bejn il-genituri tieghu u Jackson peress illi;

1. Is-sahha ta' missieru kien fi stat kritika u ghalhekk ma setghax jaghmel attivitajiet ta' kuljum (dan meta ma kienx l-isptar jew ma kienx l-emergenza)
2. Jackson ried jithallas kif diga msemmi iktar fuq, izda x-xoghlijiet ma kienux skond is-sengha u l-arti u tal-kwalita' pattwita u l-kcina kienet dizastru totali fejn kien hemm bzonn xoghol kompletament gdid.

Spjega wkoll illi l-korrespondenza inizjali tieghu ma' Jacksons kien sabiex isibu soluzzjoni ghall-problema tal-kcina, izda kien difficli sabiex isib appuntament. Wara gimghatejn spjega illi ha d-decizjoni sabiex jqabbad kuntrattur iehor sabiex il-problema tissolva u l-genituri tieghu jkunu jistghu jwaqqfu l-kirja u jidhlu fil-penthouse. Sostna wkoll illi matul dak iz-zmien il-genituri tieghu dahlu f'appartament tal-kiri fl-istess blokka tieghu u ghalhekk ma setghux jikru dan l-appartament lil terzi persuni.

Spjega illi Brian minghand Jacksons beda jcempillu wara ftit zmien sabiex jithallas. Qal illi l-ewwel ftit telefonati tieghu kienu lil missieru li qallu sabiex icempel lix-xhud. Spjega illi huwa kien issugerixxa laqgha sabiex jitkellmu fuq il-problemi u jsibu xi tip ta' kumpens qabel ma jhallas xi haga. Ix-xhud spjega illi kienet saret laqgha fil-penthouse stess fejn spjega lil Brian u lil missieru x'kienet il-problema, kif ukoll urihom ritratti li gew annessi ma l-affidavit u qalilhom illi l-ispiza kollha kienet €1,000. Spjega illi urihom ukoll ix-xoghol tal-power outlets u d-diskrepanza li ma kienx skond il-'building code' bl-istallazzjoni elettrika tal-cooker.

Spjega illi huwa mbaghad infurmhom sabiex fil-futur jitkellmu mieghu u mhux ma' missieru li kien marid fis-sodda, kif ukoll sabiex jersqu b'invoice rivedut fid-dawl tad-diskrepanzi kollha. Qal illi fl-invoice il-gdid huma naqsu €200 jew €300. Spjega illi hu kien qieghed jistenna riduzzjoni komplut tal-ispejjez kollha u li kellhom jiddiskutuha aktar. Qal illi Brian kien cempillu diversi drabi izda hu kien barra. Spjega illi Brian kien qallu

illi dan kollu kien frustranti ghalih u ghaldaqstant fetah din il-kawza, f'liema hin ix-xhud ikkuntatja l-avukat peress illi ried jiftah kawza hu stess. Spjega illi l-ispejjez totali bhala danni huma ta' €6,244.40 u li xorta ma jinkludux l-ispejjez kollha li kellhom jinkorru.

Albert Critien xehed in kontro-ezami nhar il-15 ta' April 2016 fejn gie mistoqsi meta kien effettivament inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi xoghol fil-penthouse u wiegeb illi ma jiftakarx. Qal illi jaf li pero' s-socjeta' attrici kienet inkarigata taghmel ix-xoghol fil-blokka kollha u l-penthouse kien inkluz. Qal illi huwa minnu illi l-ewwel sar ix-xoghol fil-blokka u sussegwentement fiz-zmien wara sar ix-xoghol fil-penthouse.

Xtaq jghid li ma ftakarx ezatt lanqas kemm wara li spiccaw il-blokk bdew ix-xoghlijiet fil-penthouse ghaliex effettivament kien jiehu hsieb it-tifel Nicholas. Spjega illi huwa minnu illi t-tifel tieghu kien jghaddi hafna zmien barra minn Malta u li effettivament hu kellu wkoll kwistjonijiet ta' mard. Qal illi kienu ghaddew xi xhur minn mindu spiccaw il-blokka u beda x-xoghol fil-penthouse u jista' jkun li anke ghaddiet xi sena, sena u nofs kif gie ssugerit lilu. Qal illi dahal jghix fil-penthouse xi sitt snin ilu u li sa fejn jiftakar il-penthouse mbniet fl-istess zmien tal-blokka, naturalment kellha l-permessi u l-atti tal-MEPA. Spjega illi huwa ma jifhimx fil-kwistjonijiet meta nhargu l-permessi tad-dawl lanqas u li dik kienet l-unika darba li ghamel dak ix-xoghol u l-ahhar darba zgur.

Meta gie mistoqsi jekk jafx meta harget il-compliance qal illi ma jafx. Mistoqsi jekk jafx li hemm bzonn johrog compliance qal illi hekk gie suggerit izda ma jafx. Qal illi kien tahom xi pjanti ta' kif kellha tigi nstallata l-kcina izda jaf ukoll li kellhom imorru min kien se jinstalla l-kcina fuq il-post biex itihom il-pjanti u jispjegalhom hu.

Huwa kkonferma li hu kien tahom pjanti u meta gie mistoqsi jekk ix-xoghol sarx skond il-pjanti qal li effettivament kien hemm hafna difetti ghaliex kieku ma kienx ikun il-Qorti. Mistoqsi jekk kienx hemm tibdil fil-pjanti qal illi le t-tibdil kien fix-xoghol li sar. Spjega illi sa fejn jaf hu it-tibdil fil-pjanti ma kienx hemm. Meta gie mistoqsi jekk jaf li l-fridge kienet gejja f'post u llum tinsab f'post iehor qal illi sa fejn jaf hu qieghda fejn kellha tkun.

Fir-rigward tal-cooker qal illi wkoll qieghed fejn suppost kien. Qal illi il-cooker u l-fridge qeghdin fejn suppost kienu u naturalment ma kienx hemm tibdil. Sostna illi m'huwiex minnu li qed jigi suggerit lilu li kellu jitpogga xi parquet fil-kcina ghaliex fil-kcina m'hemm l-ebda parquet. Qal illi kien hemm TV bracket izda ma jafx jekk ix-xoghol f'dan ir-rigward tal-bracket sarx mis-socjeta' attrici.

Huwa qal illi kull meta rcieva xi kont tal-blokka hu dejjem hallsu u meta gie mistoqsi jekk ir-rati kienux l-istess ghax-xoghol li sar fil-penthouse bhal tal-blokka qal illi ma jafx pero' kienu oghla sa fejn jaf hu. Qal illi huwa minnu illi x-xoghol fil-flat fl-ewwel sular sar qabel l-ohrajn ghax uzawh bhala showcase flat u qal illi ghamel zmien qasir jghix fih ghal xi gimghat pero' l-perjodu ezatt ma jiftakrux. Spjega illi dan kien qabel kien lest il-penthouse u li dak il-flat kien lest biex huwa jurih in-nies biex jinbiegh. Spjega illi huwa ma kienx dispost li joqghod fil-flat ghaliex Jacksons ma kienx lesta tieghu u r-raguni li telaq huwa ghaliex il-post tieghu ma kienx lest. Qal illi kera post San Pawl il-Bahar minghand Romina Homburg kif gie ssuggerit lilu. Ix-xhud spjega illi ma jiftakarx jekk ix-xoghol fil-penthouse bediex f'Gunju 2009 u li ma jiftakarx kemm dam u meta beda jikri minghand Romina Homburg. Qal illi jaf li kien ghamel kuntratt ghal sentejn izda dan kien gie estiz. Rigward il-kirja qal li kien ihallas mitejn u hamsin Lira fix-xahar u li huwa kera dan il-post peress illi l-penthouse tieghu ma kinitx lesta.

Spjega li hemm inventarju tal-post li kera u li fil-fatt dan jinsab esebit a fol 115 tal-atti. Huwa kkonferma illi l-post in kwistjoni San Pawl il-Bahar kien krih f'zewg okkazjonijiet. Ipprometta li jesebixxi l-kirja relatata ghal kawza in kwistjoni fis-seduta sussegwenti u meta gie mistoqsi jekk huwa jifhimx fil-flats qal li le. Ix-xhud xtaq jghid illi d-danni msemmija fl-affidavit tieghu huma spjegati fl-affidavit tat-tifel u cioe' illi effettivament bhala dewmien sofrew €5,244 minhabba x-xoghlijiet u hallsu wkoll €1,000 sabiex jintrangaw l-izbalji li kien hemm. Ix-xhud qal ukoll illi l-ewwel kera il-post u mar joqghod fih San Pawl il-Bahar u mbaghad telaq minn go fih u mar joqghod fi flat number 1, pero' peress li dana kien ghal bejgh kien hemm bzonn li hu johrog minnu u ghalhekk rega' irritorna fl-istess flat li kera qabel.

Nicholas Critien xehed in kontro-ezami nhar il-15 ta' April 2016 bl-ingliz tradott ghall-Malti mill-Qorti fejn mistoqsi jekk jafx jekk s-socjeta' attrici lestietx ix-xoghlijiet fil-flat fl-ewwel sular qabel lestiet il-blokka kollha qal illi ma jafx. Qal illi huwa kien involut biss fir-rigward tax-xoghlijiet fil-penthouse. Qal illi huwa minnu illi x-xoghlijiet fil-penthouse bdew wara li tlestew ix-xoghlijiet fil-blokka.

Qal illi ma setghax jghid ezatt kemm kien twil il-perjodu taz-zmien, pero' madwar sena u nofs. Li jaf huwa li kien hemm zmien bejn meta tlestew ix-xoghlijiet fil-blokka u meta bdew ix-xoghlijiet fil-penthouse u jaf ukoll li l-genituri tieghu kienu qieghdin jghixu gewwa flat numru 1 kif ukoll go flat San Pawl il-Bahar ghal ftit zmien qabel ma dahlu jghixu fil-penthouse.

Jaf illi fl-ewwel fazi kien hemm xi problemi dwar il-blokka li gew izda sa fejn jaf hu dawn kienu in rigward affarijiet li ma gewx installati dritti u jirrigwardaw kwistjonijiet fil-blokka. Qal illi hu kien qieghed jghix fil-blokka waqt iz-zmien meta kienu qieghdin jahdmu fil-penthouse. Spjega kif

is-Sur Bezzina xtara il-flat numru 2 u ghadu jghix fih sal-lum kif ukoll Jonathan Mallia li xtara l-flat numru 4 fejn kien jghix ix-xhud qabel.

Spjega illi meta s-socjeta' attrici kienet qed tahdem fil-penthouse, huwa kien hawn Malta, peress illi kien hemm ftit tragitti dak iz-zmien. Spjega wkoll illi xoghlu huwa home based u ghalhekk xi kultant kien jitla' sabiex jara l-progress li kien qed jigi rregistrat u dejjem kien jara bniedem wiehed jahdem. Spjega illi filghodu kien ikun hemm tim izda meta kien jitlaq hu fil- hin tal-ikel kien ikun hemm persuna wahda tahdem.

Qal illi mhux veru illi hemm il-parquet fil-kcina u li fil-fatt huma xtraw il-fittings minghand Future Habitats gewwa l-Mosta. Spjega illi kienet ommu li marret taghti dawk il-light fittings lis-socjeta' attrici fizikament u li dawn inxtraw qabel ma bdew ix-xoghlijiet peress illi ommu kienet ikkonsultat mieghu dwar l-ghazla. Spjega illi hekk kif gew ikkonsenjati dawn il-fittings, dawn ittiehdu fil-penthouse. Ix-xhud spjega illi kien jaf illi x-xoghlijiet kienu ghadhom kif bdew u sa fejn jaf hu kienu in rigward il-plumbing u d-dranagg. Di piu spjega li is-socjeta' attrici kienet nghatat pjanta fuq it-tqassim tal-kcina u apparti minn hekk dan kien diga' gie spjegat lilhom minn Windsor minghand min kienu xtraw il-kcina. Qal illi mhuwiex veru illi l-genituri tieghu staqsew sabiex il-cooker u l-fridge jitnehhew minn post ghal iehor wara li x-xoghlijiet kienu lesti. Fil-fatt ix-xhud spjega illi tali tibdil in rigward il-cooker u l-fridge sar fil-hanut ta' Windsor u il-pjanta li nghatat lis-socjeta' attrici kienet il-pjanta finali u ghaldaqstant it-tibdil sar qabel il-pjanta finali.

Ix-xhud huwa tal-idea illi l-arrangament kien wiehed ta' sengha u l-arti. Qal illi jaf li Future Habitats huma attrezzaturi Taljani u li ma jafx jekk kienu fl-istandards Inglizi jew le. Spjega illi sa fejn jaf hu, dawn kienu tal-istandards Ewropej. In rigward konformita' elettrika spjega illi sa fejn jaf hu hija tal-konformita' Ewropea u ghalhekk m'hemmx tibdil fil-wajers avolja il-kaxxa

Taljana hija ftit izghar. Spjega illi ebda minnhom ma intuzaw fil-garaxx taghhom.

Mistoqsi meta kien nbeda x-xoghol mis-socjeta' attrici huwa sostna illi ma jafx izda qal illi kellu l-iskedi taz-zmien go file id-dar. Spjega illi jaf li kien hemm skeda ta' zmien peress illi l-kcina kella tigi nstallata u naturalment kien xtara art tal-injam u kien hemm bzonn timing sabiex jinstallawh ukoll. Meta gie mistoqsi jekk is-socjeta' attrici spiccatx tali xoghlijiet fis-16 ta' Marzu tas-sena 2010, qal illi jista' jkun ghax zgur kien qabel Ottubru 2010, izda ma jafx jekk kienx Marzu jew April tas-sena 2010. In rigward l-ircevuta ta' €1,000 moghtija lil Sergio Works ix-xhud qal illi skond hu diga' hemm kopja taghha fl-atti tal-kawza.

Meta gie muri dokument numru fol 116 huwa spjega illi din kien ircevuta moghtija lilu minghand Sergio Works li tinkludi xoghol iehor li huwa datat l-14 ta' Lulju 2014. Ix-xhud ikkonferma illi x-xoghlijiet tlestew qabel Ottubru tas-sena 2010 u l-pagament sar fl-2014. Huwa ma jafx ezatt il-perjodu fejn is-socjeta' attrici baqghet tahdem fil-penthouse peress illi seta' kien illi matul iz-zmien li l-haddiema tas-socjeta' attrici kienu qieghdin jahdmu fil-penthouse, kien ikun hemm haddiema ta' kuntratturi ohra wkoll. Spjega illi x-xoghlijiet li ghalihom irrefera l-avukat tas-socjeta' attrici jirrekjedu illi x-xoghlijiet tal-electrician u l-plumber jitlestew qabel.

Rat li fit-12 ta' Settembru, 2016, is-socjeta' attrici pprezentat nota li permezz taghha esebiet l-**affidavits ta' Jack Scerri u Brian Scerri**.

**Jack Scerri** qal li huwa ghandu r-rappresentanza guridika tal-kumpanija w iddikjara li kemm hu w kif ukoll ibnu, direttur ukoll, kienu nvoluti mija fil-mija fix-xoghol mertu ta' din il-kawza. Qal li waqt ix-xoghlijiet fil-penthouse tal-intimat, dan ghamel xhur twal, anzi sa fejn jaf hu tul l-

ezekuzzjoni kollha tax-xoghlijiet, jghix fil-ground-floor tal-istess blokka. Qal li dan jirrikonoxxih iben l-istess intimat, Nicholas Critien.

Cahad dak li xehed Nicholas Critien meta qal li kien hemm xi problemi bejnu w bejn l-intimat rigward ix-xoghol fuq l-ewwel sitt appartamenti, tant hu hekk li Albert Critien qabad u hallas il-kont meta gie pprezentat lilu. Qal li l-problemi nqalghu meta pprezentalu l-kont tal-penthouse, ghalkemm ma jafx ghaliex.

Qal li fil-kors tax-xoghol fil-penthouse, il-haddiema dejjem kienu jkunu tnejn. Prova ta' dan esebixxa log tal-granet tax-xoghol. Cahad ukoll dak li qal Nicholas Critien li fil-bidu tax-xoghol, cioe' fit-12 ta' Gunju 2009, kienu inghataw xi *switches* u *plugs.* Kien biss xi tmien xhur wara li bdew ix-xoghlijiet (fit-22 ta' Frar 2010) li mart l-intimat tathom is-*switches* li kienet xtrat. Hawnhekk ipprezenta kopja tal-kont tal-imsemmija switches.

Spjega li huma kienu ftehmu li x-xoghol kellu jsir 'British Standard', li hija n-norma hawn Malta. U fil-fatt hekk hadmu. Zied li huma qatt ma ltaqghu mal-manifattur tal-kcina (Windsor) izda hadmu fuq il-pjanti tal-kcina li kienet tathom mart l-intimat. Ghaldaqstant huma hasbu ghall-fridge skont kif kienet ippjanata li tigi originarjament fil-pjanti. Pero' wara li huma lestew ix-xoghol taghhom, il-lay out tal-kcina ma ghogobx lis-sinjura Critien, ghalhekk tawhom pjanti ohra w kellhom jergghu icaqalqu x-xoghol. Sostna li x-xoghol kien sar *up to standard*, u l-affarijiet tbiddlu minhabba kwistjoni ta' gosti u estetika.

Rega' qal li x-xoghol ta' *switches* sar fuq British Standard. Waqt ix-xoghol is-Sinjura Critien kienet qaltilhom li sejra tixtri switches minn Sqallija, pero' mbaghad dawn xtrawhom minn Malta.

B'referenza ghall-kont ta' Sergio esebit mill-intimati, s-Sur Scerri qal li dan huwa nieqes minn hafna dettalji w ma jghidx x'gie mibdul mix-xoghol li sar minnhom u x'kien ix-xoghol li sar minn Sergio. Juri biss totali. Qal li sahansitra dan il-kont, li suppost jirreferi ghal xoghlijiet rimedjali, huwa ferm iktar gholi mix-xoghol taghhom kollu kemm hu. Filwaqt li jikkummenta li l-kont ta' Sergio m'hu spjegat xejn, jghid li ma jistax ikun li dak il-prezz huwa tax-xoghol bejn il-kcina u l-bieb ta' barra.

Imbaghad qal li l-istima tal-blokka minghajr il-penthouse kienet saret fid-9 ta' Marzu 2005 w kienet tinkludi l-*washrooms* biss. Mhux minnu li kien Nicholas Critien li kien jiehu hsiebhom, ghaliex filfatt dejjem is-sinjuri Albert u Jeanette Critien kienu jkunu fuq il-post. Zied li x-xoghol fuq il-penthouse beda fit-12 ta' Gunju 2009, sena w nofs wara li tlestiet il-blokka, u meta l-permess tal-MEPA kien ghadu lanqas biss hareg. B'referenza ghal dan ipprezenta dokument D/1A datat 19 ta' Mejju 2016. Qal li minhabba li ma kienx hemm il-permessi tal-MEPA, l-intimat ma setax japplika ghas-servizz ta' dawl, jigifieri *compliance certificate* u filfatt meta huma lestew ix-xoghlijiet, l-intimat qabbad id-dawl tal-penthouse mal-komun tal-blokka.

Is-Sur Scerri esebixxa l-ewwel pjanti tal-kcina li nghatawlhom mis-sinjuri Critien, immarkati bhala Dok D/1B. Sussegwentment, minhabba li s-Sinjura Critien riedet tibdel id-disinn tal-kcina, kienu tawhom pjanti godda mmarkati bhala Dok D/1C fejn biddlet il-post tal-*fridge* minn hdejn il-*high level oven* ghal hdejn il-hobb. Huma mxew mal-ordnijiet li tawhom.

Dwar il-pagamenti tal-kera tal-flat f'San Pawl il-Bahar, ix-xhud qal li m'hemmx qbil fid-dati tal-kuntratt li s-Sur Critien ipprezenta w dak li qal, ghaliex filwaqt li l-inventarju jgib id-data tal-20 ta' Frar 2004 huwa kien qal li l-kirja bdiet fit-23 ta' Frar 2009.

Sostna li l-haddiema tieghu ikkonfermawlu li tul ix-xogholijiet fil-penthouse, l-intimat kien jghix fil-flat numru 1 (groundfloor) tal-blokka. Cahad li sakemm kienu jahdmu hemm l-intimat kien ma jiflahx, anzi qal li dejjem kien ikun mal-haddiema mit-12 ta' Gunju 2009 sas-16 ta' Marzu 2010, u dan jikkonfermawh ukoll il-haddiema tieghu.

**Brian Scerri** jiddikjara li huwa jigi iben Jack Scerri u li wkoll jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija w ilu jahdem hemm ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Ikkonferma li hu kien involut fix-xoghol tas-Sur Critien sa mill-bidu nett, cioe' kemm fix-xoghol tal-blokka u wara certu zmien fil-penthouse.

Qal li huwa jaqbel perfettament mal-affidavit ta' missieru ghaliex hu ghex din il-bicca xoghol bhalu ghaliex kien ikun prezenti kuljum. Ikkonferma li tul ix-xoghlijiet fil-penthouse, is-Sur Critien kien jghix fil-ground floor tal-istess blokka w mhux fi flat xi mkien iehor. Ikkonferma wkoll li tul dawn ix-xoghlijiet, is-Sur Critien qatt ma marad u kien jitla' mill-inqas darba kuljum fil-penthouse biex jara x-xoghol ghaddej.

Zied li s-Sinjura Critien kienet tathom pjanta tal-kcina u wara li x-xoghlijiet saru skont l-istruzzjonijiet taghha, hija riedet tibdel il-posizzjoni tal-fridge u ghalhekk kellhom jaqilghu kollox u jaghmlu x-xoghol mill-gdid. Il-ftehim kien li x-xoghol ta' finituri jsir bhal ma sar fil-blokka kollha, jigifieri 'British Standard', u filfatt hekk sar. Pero' wara li tlesta x-xoghol, is-Sinjura Critien xtaqet li x-xoghol isir differenti u xtratilhom is-switches u kull ma xtaqet hi. Pero' dan wara li hafna mix-xoghol kien lahaq tlesta w ghaldaqstant hafna mix-xoghol kellu jsir doppju.

Fil-penthouse dejjem kien ikun hemm zewg haddiema. Il-haddiema li hadmu hemm kienu Filippo, Clayton, Frans u Icaro u kienu jzommu record

tax-xoghol li jwettqu gurnata b'gurnata biex b'hekk huma jkunu jistghu johorgu l-kont kif suppost.

Permezz ta' nota datata 19 ta' Jannar 2017, is-socjeta' attrici pprezentat l-affidavits ta' Filippo Cristaldi u Clayton Crogan.

**Filippo Cristaldi** qal li ghandu nazzjonalita' Taljana izda kapaci jifhem u jitkellem bil-lingwa Maltija minghajr ebda problema billi ilu jirrisjedi Malta ghal numru twil ta'snin. Jghid ukoll illi martu hija ta'nazzjonalita'Maltija. Jghid illi ilu jahdem mas-socjeta'attrici ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin sena u cioe' minn mindu gie Malta. Xoghlu huwa dak ta'electrician u plumber. Jghid illi jaf li sar xoghol fil-penthouse tal-konvenut Critien billi kien involut f'dak ix-xoghol. Jghid illi kien involut fix-xoghol tal-blokka bini u wara xi sena jew ftit izjed li dan ix-xoghol kien tlesta, ix-xhud flimkien ma' haddiema ohra, ghamlu xoghol fil-penthouse.

Ix-xhud jghid illi l-imghallem taghhom u cioe is-sur Jakki Scerri kien tahom pjanta ta' kif kellu jigi esegwit ix-xoghol fil-penthouse. Mieghu kellu lil Roderick Galea, li kien impjegat iehor tal-kumpanija, li kien qieghed jesegwixxi x-xoghol fil-penthouse tas-sur Critien. Jghid illi wara li kienu lestew ix-xoghol kemm fil-kcina tal-penthouse kif ukoll fil-penthouse in generali, billi ix-xoghol kien matul il-penthouse kollha kemm hi, huma gew avvicinati mis-sur Critien u s-sinjura tieghu u talbuhom sabiex ibiddlu il-pozizzjoni kemm tal-banju fil-kamra tal-banju kif ukoll kien hemm xi xoghol fil-kcina li kien gia' lest u li kellhom jaghmlu xoghol addizzjonali ghal dak li kien gia' tlesta. Ikompli jghid illi qalghu ix-xoghol kollu li kien gia' lest u kellhom jaghmlu kollox mill-gdid wara li radmu dak li kien gia' tlesta. Mhux hekk biss, izda ix-xhud jghid illi kellhom informazzjoni li l-art kellha tkun tac-ceramika u allura kellhom certi livelli u hadmu fuqhom u minflok is-sinjuri Critien effettwaw parquet li ma kienx wiehed normali fis-

sens li kellu is-serratizzi u twavel u allura kellhom il-livelli kompletament mibdula minn dak li kienu gia'esegwew.

Jghid illi l-banju li kienu installaw, apparti li kien wiehed specjalizzat fis-sens li kellu hafna equipment fih, irrizulta li kien difettuz billi kellu *leak* qawwi u ghalhekk kellhom jaqilghuh kompletament u stennew ghal diversi gimghat sakemm gie banju iehor li kien tajjeb sabiex setghu jirrimpjazzaw il-qadim bil-gdid. Ix-xhud jghid illi attwalment l-ewwel banju li kien ippjanat kien wiehed '*corner*' u imbaghad xtaqu li jinbidel u allura x-xoghol kollu li kien sar ghal wiehed 'corner' kellu jinqala' kollu u jsir xoghol specjalizzat ghal banju li xtraw. Imbaghad wara li gie installat il-banju specjalizzat irrizulta li dan kien difettuz u kellhom jaqilghu l-istess banju sabiex jissostitwuh b'wiehed mhux difettuz.

Jghid illi meta esegwew it-tibdiliet fil-kamra tal-banju dan effetwa negattivament ukoll id-drains li kellhom preparati fix-shower room li tmiss mal-kamra tal-banju u ghalhekk kellhom ukoll jaraw x'kellhom jaghmlu sabiex jirrangaw ukoll il-kanen tal-ilma tax-shower room, billi qalghu dak li kienu esegwew u ghamlu kanen godda. Ix-xhud jghid li kien aktar involut fix-xoghol tal-ilma milli tal-elettriku u f'dan ir-rigward kien aktar involut il-kollega Clayton. Jghid ukoll ill x-xoghol gdid fil-kcina kien jikkomprendi tibdiliet fuq l-istruttura taghha billi sahansitra kellhom ukoll caqliq fil-pozizzjoni tal-fridge u allura il-*cupboard* gie effetwat ukoll u gie imcaqlaq u b'hekk ix-xoghol li kollu kien gia sar tal-elettriku u tal-ilma kellu jigi spostat. Dan it-tibdil affettwa ukoll il-pozizzjoni tad-*dishwasher* u allura is-sodda kollha li kienet lesta ghall-kcina kellha tinbidel totalment. Ix-xhud jghid illi is-sinjuri Critien, waqt li kien qeghdin jahdmu fil-penthouse ghexu il-hin kollu fil-ground-floor tal-istess blokka.

Illi permezz tal-affidavit tieghu, **Clayton Grogan** stqarr illi kien jahdem mas-socjeta'attrici. Dam jahdem maghha ghal disa' snin u ilu li telaq minn

maghhom sentejn u nofs. Jghid li xoghlu kien jikkonsisti bhala electrician. Jghid illi sab it-trinek kollha lesti kif ukoll il-wires mghoddija u xoghlu kien jikkonsisti fílli jwahhlu is-switches u il-*light fittings* kollha tal-penthouse kollha. Jghid illi is-sinjuri Critien kellhom igibulhom switches mill-Italja izda fil-fatt il-kaxxi li kien hemm gia' imwahhlin kienu British standard u mhux tajbin ghal dawk Taljani ghax ma kienux jaqblu. Fil-fatt, dawn is-switches Taljani qatt ma gew u s-sinjuri Critien talbuhom iwahhlu minflok *switches* ohrajn u minhabba f'hekk il-kaxxi ma kienux jaqblu u kellhom iwahhlu *switches* ohrajn li kienu mixtrija mis-sinjuri Critien ukoll. Jghid illi kellhom jaghmlu xi alterazzjonijiet fil-kaxxi tan-naha ta' barra tal-penthouse u fil-kcina biex setghu jigu mwahhlin is-switches il-godda.

Ix-xhud jghid ukoll illi l-imghallem kien tah pjanti ta' fejn kellu jahdem u dak li sab bhala xoghol lest kien jabqel perfettament mal-pjanti li kellu f'idejh. Izda b'rizultat tat-tibdiliet li ghamlu is-sinjuri Critien, kien hemm bzonn illi icaqalqu xi plakkek, icaqalqu ukoll kanen tal-ilma, is-*switches* ta' fejn il-bieb ta'barra, il-plakkek tal-*fridge,* tad-*dishwasher* u tal-*cooker unit.* Fi ftit kliem jghid, illi il-kcina kellha terga' tigi mahduma mill-gdid. Ix-xhud ikompli jghid li huma kienu jiddiskutu kollox ma' Mrs Critien u lis-sur Critien lanqas biss kien jitkellmu mieghu u li hija kienet tghidilhom li kollox irid isir skond ma kienet tghidilhom hi. Huma fil-fatt hekk ghamlu u qdewha mill-ahjar li setghu. Jghid illi xoghlu dam sejjer xi ftit gimghat – jikkalkula bejn wiehed u iehor bejn erba' u hames gimghat.

Meta ghamlu l-alterazzjonijiet li talbithom Mrs Critien, jaf li l-hitan kienu gia imbajdin u ghalhekk qaghdu attenti kemm setghu sabiex jaghmlu hsara mill-anqas fil-hitan koncernati izda naturalment fejn kien hemm bzonn li jqattghu trinek godda, partikolarment fil-kcina, hekk ghamlu. B'rizultat tax-xoghol li esegwew huma, kien hemm bzonn li l-kcina terga' titbajjad mill-gdid.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici pprezentata fit-30 ta' Awissu, 2017.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi b'digriet moghti fil-verbal datat 25 ta' Novembru 2015 il-Qorti ordnat l-isfilz tax-xhieda kollha moghtija minn Nicholas Critien inkluz kwalsiasi dokument prezentat minnu.

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qieghda tfittex lill-konvenut Albert Critien sabiex thallsu bilanc minn somma akbar u cioe' l-ammont ta' hamest elef, erba' mija u disa' u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€5,429.60) rapprezentanti din is-somma servizzi rezi minnha kif ukoll ghal hlas ta' fornitura u materjal konsenjati lill-konvenut in konnessjoni ma' xoghol li sar f'penthouse Triq il-Konversjoni, Naxxar. Il-konvenut sostna li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ma kienx dispost ihallas u in oltre ipprezenta kontro-talba fejn qal li huwa sofra danni minhabba dewmien esagerat da parti tas-socjeta' attrici u peress li x-xoghol esegwit minnha ma kienx skond is-sengha u l-arti. Ghal din il-lanjanza is-socjeta' attrici wiegbet li in effetti ma hu veru xejn li l-konvenut sofra xi danni minkejja li veru kien hemm dewmien pero' dan sar minhabba il-fatt li l-konvenuti bidlu l-pjan taghhom ta' kif kellu jigi finished il-penthouse u cioe' billi nbidlu switches, plugs, sockets u anke posizjonijiet ta' fridge, dishwasher u affarijiet simili. Apparti l-fatt li ghall-ewwel il-penthouse kellu jigi finished bic-ceramika u wara li nbeda ix-xoghol il-konvenut xtaq li jkun finished bil-parquet flooring. Is-socjeta' attrici resqet provi sabiex tissostanzja dak mistqarr minnha billi resqet il-haddiema li hadmu fuq il-post partikolarment lil Clayton Crogan, Francois Psaila u Filippo Cristaldi apparti li xehed Jack Scerri d-Direttur tas-socjeta' attrici u ibnu Brian li kien qed jissorvelja ix-xogholijiet. Il-konvenut minn naha tieghu xehed hu stess u ressaq lil ibnu Nicholas li rrizulta li ma kienx prezenti meta gie miftiehem

dak li kellu isir u ma kienx ikun prezenti meta kien isir il-hlas relattiv u lanqas meta kienu isiru il-modifikazjonijeit fil-pjanti. Il-konvenut stqarr ukoll illi ghamel xi zmien fi proprjeta' mikrija ghaliex il-penthouse ma kienitx lesta pero' ricevuti dwar dawn ma gewx prezentati u lanqas ma xehed sid l-allegat appartament certu R. Hombach li kera allegatament il-fond lill-konvenut. Hija stramba kif fl-atti hemm esebit kopja tal-inventarju tal-fond allegatament mikri pero' l-ftehim tal-kirja ma giex esebit. In oltre ma gewx esebiti kopja tal-bank statements li jindikaw li in effetti saru dawn il-pagamenti jew addirittura kopja ta' *cheque image* li jindika li dawn ic-cekkijiet gew imsarrfa lanqas ma gew esebiti. Il-konvenut ipprezenta ukoll xi ricevuta allegatament mahruga minn Sergio Attard fis-somma ta' elf ewro (€1,000) pero' din l-ircevuta li tinsab a fol. 81 ma tindikax x'tip ta' xoghol sar u lanqas il-post fejn sar.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

L-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa vitali. (Kollez. Vol. L.II.225). Il-qies u l-mizura tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza, u cioe` illi l-kriterju m'huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja ("**Borg vs Bartolo**" – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Aktar tard fiz-zmien, u cioe` fil-11 ta` Frar 2004, l-istess Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza "**Mercieca et vs Saliba**" qalet hekk – "*Il-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-provi. Invece, jinhass aktar konsiljabbli illi wara ezami bir-reqqa tal-istess provi jigi determinat jekk l-ispjegazzjoni tar-raguni tal-bzonn hijiex possibbli fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja u fuq kollox hijiex perswasiva u sodisfacenti.*"

Huwa wkoll pacifiku u manifest illi l-grad ta' prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet ("**Caruana vs Laurenti**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "**Borg vs Manager ta` l- Intrapriza tal-Halib**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; "**Vassallo vs Pace**" – Vol.LXX.II.144 u "**Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

Il-Qorti tibda billi tirrileva li f`kawza ta` din ix-xorta fejn il-kredibilita` u l-veracita` tal-provi huma determinanti, hija trid tfittex li toqghod fuq l-ahjar prova, u tmur ghall-provi sekondarji biss meta tal-ewwel ma jkunux disponibbli.

Fis-sentenza taghha tas-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea e**t" (mhux appellata), il-Qorti Civil Prim'Awla (JRM) fis-sentenza taghha kellha l-okkazjoni tidhol f`dettall dwar kif ghandu jigi trattat l-oneru tal-prova. Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi l-linji ta` hsieb li kienu traccjati f`dik is-sentenza jimmeritaw riferenza konsiderata u partikolari ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

Bosta kienu il-principji li ttrattat il-Qorti f`dik id-decizjoni u li din il-Qorti tghid li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum. Fost hwejjeg ohra, il-Qorti hemm qalet hekk –

"*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju.*

*Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS -* ***Emanuel Ciantar vs David Curmi et*** *- konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 -* ***Hans J. Link et vs Raymond Mercieca****). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss lallegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****)*

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12)** u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**).

… Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew

'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi et**). Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel min fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li *actore non probante reus absolvitur* (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd**.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti

hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**)

Fil-kwadru tal-insenjamenti li johorgu minn din is-sentenza, din il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet dwar il-provi li tressqu fil-kawza tal-lum –

L-attur Jack Scerri xehed u spjega li qabel ma ha l-inkarigu lilu moghti u cioe' li jaghmel il-finishes konsistenti fi plumbing u elettriku fil-penthouse tal-konvenut kien baghat stima li tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok Z. Wara li kien ghamel ix-xoghol kien sahansitra anke baghat l-kont u dan ukoll jinsab esebit fl-atti u mmarkat Dok X. Spjega kif effettivament gie esegwit ix-xoghol billi spjega li kien ikollu mill-inqas zewg minn nies on site u cioe' Filippo Cristaldi u Clayton Crogan jaghmlu x-xoghol. Dawn iz-zewg impjegati ikkonfermaw li kienu jmorru ta' sikwit sabiex jesegwixxu x-xoghol u li mammano li kienu qed iwettqu x-xoghol skond il-pjanta li kienet inghatatilhom, kien isir tibdil fix-xoghol u dan kien jikreja diversi problemi u li xoghol li jkun sar ikollu jinqala sabiex jghaddu sistemi godda. Spjegaw kif in effetti kienu inghataw struzzjonijiet li x-xoghol kellu jsir skond British standards skond l-istima pero' imbaghad il-konvenut tahom xi sockets li kienu skond EU standards u li ghalhekk il-kaxxi kellhom ikunu differenti. Spjegaw li kif kienu wehlu l-banju, dan kien difettuz u kellhom ibiddluh. Spjegaw kif ghall-ewwel, l-art kellha tkun tac-ceramika u wara spiccat li kienet tal-parquet. Spjegaw kif il-points fil-kcina tbiddlu u affarijiet simili. Jirrizulta li l-ftehim bejn Jack Scerri u l-konvenut sar bejnu u bejn l-konvenut u martu u li ibnu Nicholas qatt ma kien prezenti waqt li gie redatt il-ftehim. Jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi tibdil mill-pjanta originali u skond ix-xhieda imressqa mis-socjeta' attrici dan sar wara li x-xoghol originali kien gja tlesta.

Il-konvenut minn naha tieghu ma ressaq lill-ebda xhud sabiex jipprova jiggustifika l-ecezzjoni tieghu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-art salv ghal ibnu fejn ix-xhieda tieghu sahansitra anke giet sfilzata. In oltre meta esebixxa ricevuta allegatament mahruga minn Sergio Attard lanqas ressaq lil dan Attard sabiex jispjega ezattament x'irranga u x'tip ta' xoghol ghamel u jekk in effetti thallasx ghax-xoghol allegatament redatt minnu.

Dwar il-konto-talba s-socjeta' attrici issostni li in effetti mhux minnu li l-konvenut sofra xi danni u dan ghaliex fir-rigward tal-fatt fejn l-konvenut allega li kera xi fond hija resqet xhieda li lkoll qalu bil-gurament li sakemm tlestiet il-penthouse il-konvenuti qadu fl-appartament fl-istess blokka fil-ground floor u mhux minnu ghalhekk li marru jghixu fi flat San Pawl il-Bahar. Dwar dan il-konvenut ma pprezenta l-ebda kirja jew addirittura lanqas ressaq lil sid dan l-allegat appartament jikkonferma li kien ircieva xi kera. Ma esebixxa l-ebda photo image ta' xi cekk li jindika l-hlas li l-konvenut qed jghid li ghamel.

Dwar il-hlasijiet l-ohra u cioe' li fil-fehma tieghu kellu jaghmel tajjeb ghax-xoghol hazin li sar ghal darb'ohra jinghad li l-konvenut ma ressaqx prova sabiex jikkonvinci lill-Qorti li in effetti sar xi xoghol rimedjali ghaliex ix-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici ma kienx skond il-kwalita' pattwita jew ahjar ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tas-socjeta' attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma indikata fir-rikors promotur u cioe' is-somma ta' hamest elef, erba' mija u disa' u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€5,429.60) u dan bili tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad il-kontro-talba tal-konvenut billi tilqa' l-eccezzjonijiet s-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut.

**L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali tat-2 ta' Mejju 2011 kollha huma a karigu tal-konvenut.**

**L-imghax fuq is-somma moghtija lis-socjeta' attrici ghandu jibda jiddekorri mill-10 ta' Dicembru 2009 sa meta isir l-pagament finali.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Deputat Registratur**